MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 687/2003

**Sullivan Maritime Limited**

**Vs**

**Medisan Limited**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta’ attrici ippremettiet illi s-socjeta’ konvenuta hija debitrici tas-socjeta’ attrici ghas-somma ta’ sitt elef u disa’ liri u tnejn u disghin centezmu (Lm 6,009.92) rappresentanti bilanc ta’ ammont ikbar ghal servizz minnha debitament ipprovduti fuq istruzzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta, u dan ai termini tal-invoices 9176 u 16002;

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-socjeta attrici, is-socjeta’ konvenuta m’ghandhiex

eccezzjonijiet x'taghti u ghalhekk il-kawza tista' tigi decisa ai termini tal-Artiklu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili;

Ghalhekk tghid is-socjeta' konvenuta ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:

1. Taqta' u tiddeciedi il-kawza ai termini tal-Artiklu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili u cioe bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza;
2. Tikkundannha thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' sitt elef u disa' liri u tnejn u disghin centezmu (Lm 6009.92) dovuta lis-socjeta attrici – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax legali kalkolabbli mill-21 ta' Awissu 2001 u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali tas-17 ta' April 2003, kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa tibqa' ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda ta' tas-socjeta attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqasset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra is-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------